VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 395 tal-2014

ATT DWAR ID-DRITTIJIET TAL-AWTUR (KAP. 415)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Funzjonijiet tal-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Funzjonijiet tal-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, dawn il-kliem u frażijiet għandhom ikunu jfissru kif ġej:

"l-Att" tfisser l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur; Kap. 415.

"il-Bord" tfisser il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur imwaqqaf taħt l-artikolu 45 tal-Att;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra relatati;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"xogħlijiet orfni" tfisser -

(a) xogħlijiet pubblikati f'forma ta' kotba, ġurnali, gazzetti, rivisti jew kitbiet oħra li jinsabu fil-kollezzjonijiet ta' libreriji aċċessibbli għall-pubbliku, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet kif ukoll fil-kollezzjonijiet ta' arkivji jew istituzzjonijiet ta' patrimonju ta' film jew awdjo;

(b) xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi u fonogrammi li jinsabu fil-kollezzjonijiet ta' libreriji aċċessibbli għall-pubbliku, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet kif ukoll fil-kollezzjonijiet ta' arkivji jew ta' patrimonju ta' film jew awdjo; u

(ċ) xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi u fonogrammi prodotti minn organizzazzjonijiet tax-xandir li jagħtu servizz pubbliku sa u inkluż il-31 ta' Diċembru 2002 u li jinsabu fl-arkivji tagħhom,

VERŻJONI ELETTRONIKA

li jkunu protetti mid-drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra relatati u li jiġu pubblikati għall-ewwel darba fi Stat Membru jew, jekk mhux pubblikati, imxandra għall-ewwel darba fi Stat Membru, jekk l-ebda wieħed mid-detenturi ta' drittijiet ta' dak ix-xogħol jew fonogramma ma jkun identifikat jew, ukoll jekk xi wieħed jew aktar minnhom jiġi identifikat, ebda wieħed minnhom ma jkun jista' jinsab minkejja li tkun saret tfittxija diliġenti għad-detenturi ta' drittijiet u din tkun ġiet reġistrata.

Funzjonijiet tal-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

3. Bis-saħħa ta dawn ir-regolamenti, il-Ministru assenja lill-Bord dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens dovut meta jkun hemm kwistjonijiet dwar xogħlijiet orfni;

(b) li jordna lil xi persuna tħallas l-ammont ta' kumpens li jiġi stabbilit minnu.